bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
John Mary sive james Axiaq, iben John, imwieled Pieta' fit-28 ta' ġunju, 1972

Illum, 30 ta' mejju, 2002

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat talli fit-12 ta' frar, 2002 u fil-jiem segwenti ġewwa Ħaż-Żabbar, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-30 ta' mejju, 2002 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' mejju, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 334(a) u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali ta' l-imputat. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.